# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

**LAQGĦA NUMRU 20**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 16 ta’ Diċembru, 2025, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Marion Parnis – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**20.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

20.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija minħabba mard, waħda mingħand il-Viċi-Sindku, Anthea Sacco u oħra mingħand il-Kunsilliera Marion Parnis. Il-Kunsilliera ġew skużati.

**20.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru dsatax (19)**

20.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 19, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Karmenu Farrugia, issekondati minn Nina Skye Briffa. Il-minuti tal-laqgħa 19 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20.03** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

20.03.01 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Public Works u rappreżentanti tal-Għaqda tal-Kaċċaturi rigward talba għal kuva tal-gamiem fi Ġnien il-Warda. Is-Sindku qal li kien hemm qbil li jsir bħal gazebo taħt is-siġar u li x-xogħol isir mill-Public Works.

20.03.02 Rigward it-3D notice board, is-Sindku qal li l-isponsorship għalihom, dak ta' madwar Eur5,000, ġie approvat mill-Ministeru tat-Turiżmu u li konna qed nistennew li nirċievu l-kuntratt biex jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

20.03.03 Is-Sindku ressaq il-proposta tal-Local Permits System. Din is-sistema kienet qed tiġi offruta bla ħlas pero', minn Marzu 2026 il-Kunsill ser ikun mitlub li jħallas madwar Eur3,000 fis-sena u dan jiġi maħdum skond in-numru ta' permessi li jinħarġu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**20.04** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

20.04.01 Karmenu Farrugia semma'' l-online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien ġie technician biex jiċċekkja s-sistema eżistenti u qal li kellna ħsara fit-transformers pero' li xorta ma jirrekordjawx.

Hi qalet li kienet talbet il-kwotazzjonijiet għal sistema ġdida li nkunu nistgħu nieħduha magħna fl-uffiċċju l-ġdid u li l-unika kwotazzjoni li rċivejna kienet se tiġi tiswa Eur6,018.00 għal perjodu ta' 3 snin. Il-Kunsill approva li din issir mill-aktar fis.

20.04.02 Karmenu Farrugia semma' t-tabelli li kellhom jiġu mibdula fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li dawn kienu saru.

20.04.03 Karmenu Farrugia semma' bozza maqtugħa fuq l-istage ta' Triq it-Tempesta. Nina Skye Briffa qalet li din kienet qed tixgħel u wara ftit tintefa'. Is-Sindku qal li ser jerġa' jiċċekkja għax kien mingħalih li din ġiet irranġata.

20.04.04 Karmenu Farrugia staqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Cleansing Department. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet tfakkira pero' għad m'għandiex risposta.

20.04.05 Nina Skye Briffa staqsiet dwar il-ħajt tas-sejjieħ li hemm imwaqqa' fi triq ta' Ħaġar Qim. Is-Sindku qal li kien bagħat email lill-Pulizija imma li s-Surġent kien ħareġ fuq leave fit-tul.

20.04.06 Nina Skye Briffa qalet li l-Kunsill tat-Tfal baqa' jiltaqa' regolarment fiċ-Ċentru tal-Kappillan fil-Qrendi u għandhom laqgħat skedati sa Jannar.

20.04.07 Nina Skye Briffa proponiet li fil-Qrendi għandna noffru s-servizz għat-tiġdid tal-Karta tal-Identita' bħalma qed isir f'lokalitajiet oħra. Il-Kunsill qabel li dan isir pero' kellna nistennew li nirċievu t-talba tal-Uffiċċju Elettorali.

20.04.08 Karmenu Farrugia propona li tintalab qasrija lill-Project Green u titpoġġa fil-kantuniera ta' Triq il-Bali Guarena peress li qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina. Hu ġie mitlub mis-Sindku biex jibgħat ritratt ta' fejn qed issir din it-talba.

20.04.09 Is-Sindku semma' l-proposta li kienet saret għall-sleeping policeman fi Triq Dun Nerik Mahoney. Hu qal li kienet intbagħtet ittra lir-residenti u li kulħadd oġġezzjona li ssir ħlief waħda. Is-Sindku qal li hu kien tkellem ma' din ir-residenta u li kienu qabli li ssir 'SLOW' u '20' mal-art.

20.04.10 Is-Sindku semma' x-xogħol li qed isir fi Triq Gregorio Mifsud. Hu qal li x-xogħol miexi u li l-problema tal-ilma li kien hemm mal-kuntratturi ta' qabel ser nippruvaw insolvuha billi l-ilma jiġi dirett lejn Ġnien tal-Kmand.

Karmenu Farrugia staqsa meta ser tkun lesta. Is-Sindku wieġeb li waslu fil-final.

**20.05 Regolamenti Gieħ il-Qrendi 2026**

20.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ir-regolamenti għal Ġieħ il-Qrendi.

Is-Sindku qal li, qabel l-aħħar tax-xahar, għandu joħroġ l-avviż għan-nominazzjonijiet biex dawn ikunu jistgħu jiġu mressqa u diskussi fil-laqgħa li jmiss.

Ġie deċiż li d-data tal-għeluq tkun is-Sibt, 10 ta' Jannar, fil-11am.

20.05.02 Is-Sindku propona li l-persuna li tkun se tingħata dan il-Ġieħ għanda tibqa' anonima sa dakinhar tas-serata. Hu qal li din is-serata se tkun nhar is-Sibt, 21 ta' Frar u l-Ħadd, 22 ta' Frar issir il-quddiesa.

Karmenu Farrugia propona li fil-laqgħa li jmiss niddiskutu programm għal din l-okkażżjoni.

**20.06 Approvazzjoni tal-Performance Bonus għas-sena 2025**

20.06.01 Is-Sindku ressaq il-Performance Bonus Appraisals għas-sena 2025 tas-Segretarju Eżekuttiv, Deputat Segretarju Eżekuttiv u tal-iskrivani tal-Kunsill.

Is-Sindku propona li għandu jingħata l-massimu lil kulħadd ħlief għal Carl Falzon li kellu jingħata l-minimu 3% minħabba li ma kienx jaqdi dmiru kif mitlub. Karmenu Farrugia u Nina Skye Briffa qablu u għalhekk il-bonus ġie approvat kif propost.

**20.07 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti, Petty Cash u Pagamenti pendenti ta' skemi**

20.07.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 20), il-Petty Cash tax-xahar ta' Novembru u Pagamenti pendenti ta' skemi (Laqgħa 20_2) ġew approvati unanimament. Dawn ġew iffirmati minn Karmenu Farrugia (Proponent), Nina Skye Briffa (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20.08 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

20.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| David Michael Schembri | Rachel Aquilina |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |